

IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' April 2016 – Rouffaud vs SEAE

(Kawża F-59/13 RENV) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Kawża mibgħuta lura quddiem it-Tribunal wara annullament — Persunal tas-SEAE — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt — Klassifikazzjoni mill-ġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt bħala kuntratt ta' membru tal-persunal bil-kuntratt għal żmien indeterminat — Rifjut)

(2016/C 191/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Thierry Rouffaud (Brussell, il-Belġu) (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u M. Silva, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex il-kuntratti ta' reklutaġġ għal żmien determinat suċċessivi tiegħi jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala kuntratt għal żmien indeterminat u sabiex il-perijodu mwettaq bħala membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt jiġi rrikonoxxut bħala perijodu ta' servizz imwettaq bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Kull parti għandha tbat i-l-ispejjeż rispettivi tagħha sostnuti fil-Kawża F-59/13 u F-59/13 RENV.
- 3) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandu jbatis l-ispejjeż rispettivi tiegħu sostnuti fil-Kawża T-457/14 P u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn Thierry Rouffaud fil-Kawża T-457/14 P.

⁽¹⁾ ĠU C 233, 10.8.2013, p. 14 (Kawża inizjali F-59/13).

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-11 ta' April 2016 – FN, FP u FQ vs CEPOL

(Kawża F-41/15 DISS II) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Persunal taċ-CEPOL — Membri tal-persunal temporanju — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Post tal-impieg li jikkorrispondi għas-sede taċ-CEPOL — Ċaqliq taċ-CEPOL lejn Budapest (l-Ungaria) — Bdil korrelattiv tal-post tal-impieg tal-membri tal-persunal — Konsegwenzi kuntrattwali — Ħtieġa tal-kunsens tal-membri tal-persunal — Koeffiċjent ta' korrezzjoni applikabbli għall-post tal-impieg il-ġdid — Aspettattivi legħiġi — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba)

(2016/C 191/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: FN, FP u FQ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)